**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 92/2017 CFF**

**Gasan Mamo Insurance Ltd C3143 kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Exalco Group Limited (Claim N163527)**
***kontra***
**M.A. & A. Services Ltd (C 31650)**

**Illum 15 ta' Marzu 2023**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tal-atturi, Gasan Mamo Insurance Limited C3143 fejn esponew:

Illi r-rikorrenti għandhom jgħidu għaliex m'għandhomx ikunu kkundannati li jħallsu lir-rikorrenti kif surrogata fl-interessi tal-assigurat taghha Exalco Group Limited is-somma ta' sebat elef u tmien mija u erba' u ghoxrin ewro u wiehed u sebghin centesmu (€7,824.71) rappreżentati danni minnkom kagunati fl-istabiliment Corner Stone Business Centre l-Mosta propjeta' ta' Exalco Group Limited u assigurata mas-socjeta rikorrenti liema incident sehh f'Mejju 2016 u liema danni sehhew unikament minhabba htija, negligenza, traskuragni u nuqqas ta' hila u osservanza tar-regolamenti da parti tal-intimati

Bl-ispejjeż u bl-interessi mid-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors, kontra l-intimati li minn issa huma nġunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' **M.A. & A. Services Limited (C31650)** fejn esponew bir-rispett:

> Illi l-intimati hadmu xoghol ghal terzi, ossia il-Malta Stock Exchange, u uzaw lift propjeta' ta' Exalco Group Limited, li minn naha taghhom qeghdin jissottomettu li garrab hsarat. Illi l-intimati jirrespingu totalment it-talba tar-rikorrenti bhala nfundati fil-fatt u fid-dritt stante li mhux il-kaz li huma ghamlu hsara, kif ukoll ma hemm ebda obbligu legali li jhallsu ghal hsara stante li jekk hemm hsara din mhix kawzata minnhom.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati.

**John Galdes,** kkonferma li hu jahdem ma GasanMamo Insurance fid-dipartiment tal-claims. L-assigurat taghhom u cioe' Exalco Group Ltd kellhom polza maghrufa bhala Industrial All Risks kif ukoll kienet tkopri lift fil-bini maghrufa bhala Corner Stone Business Centre. Huma kien ghamlu claim minhabba hsarat li garrab il-lift taghhom li kien hemm fil-business centre. Dan minhabba li l-Malta Stock Exchange kienu qabdu kumpanija sabiex igorr makinarju u tqil u goff u uzaw il-lift li huwa maghmul biex itella persuni. Illi wkoll irrizulta li kien hemm hsarat fl-irham tal-entrata. Gie esebiet rapport dok JG1. Gew esebieti wkoll korrispondenza bejn Exalco u l-Malta Stock Exchange (dok JG 2). Wara r-rapport li kien maghmul minn Ray Spiteri irrizulta li l-lift kellu jigi msewwi u kienu halsu lil klijent is-somma ta' 7824.71 Euro. Wara korrispondenza li saret bejnhom u l-Malta Stock Exchange, kienu gew infurmati li l-kumpanija M.A. &A Services Ltd kienet responsabbli ghal garr tal-affarijiet. Ghalkemm kien hemm tentattivi sabiex jaslu fi ftehim dan ma sehhx u ghalhekk kellhom jinbdew dawn il-proceduri minhabba li l-ammont li riedu jhallsu kien ferm anqas mit-talba taghhom.

**Raymond Spiteri,** li huwa inginier u direttur tal-kumpanija TVI Services Limited. Huwa kien ispezzjona lift fil-5 ta' Mejju 2016 gewwa l-kumpless Cornerstone fil-Mosta minhabba lift li kien garrab xi hsarat. Huwa elenka dawn il-hsarat fir-rapport li ghamel u esebixxa bhala dok RS1. Dan il-lift huwa uzat ghal skop biex jitilighu persuni u mhux bhala cargo.

**Clint Farrugia** stqarr li huwa impjegat ma' GasanMamo bhala senior claims adjuster. Huwa kkonferma r-rapport li jinsab a fol 16 li huwa survey report fejn sar wara li kien iltaqa' mal-klijent Exalco u ra c-cirkostanzi tal-kaz kif sehh. Huwa kien gie infurmat li l-Malta Stock Exchange kienet qabdet kuntrattur sabiex idahhal xi xoghol. Gara li minflok uzaw crane, kaxkru x-

xoghol fil-halway u barxu l-irham u anki tellghu x-xoghol fl-istess lift. Irrizulta li kien hemm anki daqqiet gewwa l-panels tal-lift uanki beda juri li kien hemm faults fis-sistema tieghu. Kien ghalhekk li tqabbad l-Inginier Ray Spiteri fejn spezzjona l-lift u qal li lift ghandu jintuza biss ghal garr ta' persuni u mhux xoghol u minhabba li gie overloaded garrab hsarat. Sabiex jissewwa l-assikurazzjoni kellha tohrog is-somma mitluba ta' 7824.71 Euro.

**Joseph Fenech,** minn Energy Limited, jgħid li 'Waterfront Place' tas-Sliema, kienu waħħlu numru ta' 'air-conditioning units' f'diversi kmamar u żewġ 'solar water heaters fuq il-bejt. Meta mistoqsi rigward l-'air-conditioning units' huwa jgħid li ma jiftakarx fejn twaħħlu l-'units' u l-kompressuri, però jiftakar li wieħed kien fil-kamra ta' quddiem u li jimmaġina li l-kompressuri twaħħlu fuq il-bejt. Meta mistoqsi huwa jgħid li kien mar darba fuq il-post u li din kienet 'penthouse', u kkonferma wkoll li qatt ma ġew notifikati li kienu għamlu xi ħsarat min-naħa tagħhom.

**Alexander Montanaro** jgħid li huwa direttur tas-socjeta Exalco Group Ltd gewwa l-Mosta. Parti mill-kumpless fis-sena 2016 gie mikri lil Malta Stock Exchange. Meta fit-3 ta' Mejju 2016 mar gewwa l-kumpless lemah il-kuntrattur fejn dahhal xi xoghol fl-istess lift u anki ghaddieh mill-entratura principali. Huwa kien gie infurmat mill-Malta Stock Exchange, li l-kuntrattur kellu juza high up cherry picker biex itellghu x-xoghol u mhux mill-lift li ghandu jintuza ghal-passigier u mhux ghax-xoghol. Wara dan kollu l-lift ma setax jigi uzat ghax kellu hsara fuqhu kif ukoll anki fl-irham. Saret claim mal-kumpanija assikuratrici minhabba li kienu koperti. Minn naha tas-socjeta' assikuratrici qabdet lil Raymond Spieri bhala Inginier u ghamel rapport. Il-lift kellu bzonn hafna riparazzjonijiet u anki tiswija fl-irham. Is-socjeta' assikuratrici ghamlet tajjeb ghal dan billi halset il-claim. Fil-fatt huma kien iffirmaw document ta' surroga lis-socjeta' assikuratrici.

**Reuben Lautier** huwa propjetarju tal-kumpanija The National Stone Workshop Limited fejn kien intalab jaghmel stima ghal xoghol ta' riparazzjoni fl-irham u materjal iehor. Meta mar fuq il-post ra li bejn il-bieb ta' barra u l-lift kien hemm brix sostanzjali fl-art tal-irham Bianco Carrara u kien hemm ukoll soll tal-istess materjal ta' quddiem il-bieba tal-lift illi kien imkisser. Fl-10 ta' Gunju 2016 baghat stima tax-xoghol u fil-fatt kienu saru r-riparazzjonijiet fejn kien thallas fl-ammont ta' 669.33 Euro.

**Simon Zammit**, xehed fejn spjega li huwa Chief Executive Officer fi hdan il-Malta Stock Exchange. Huwa qal li kien krew ufficini gewwa Cornerstone Buildings minn ghand Exalco. Kienu kelmu lis-socjeta M.A. & A Services Ltd

sabiex jigu installati zewg air conditioners imdaqqsin. Dawn kellhom jitellghu gholi ta' zewg sulari. Gara li kienu rcevew telefonata li l-burdnara kienu uzaw il-lift biex jghabbu l-affarijiet fih. Dawn kienu waqqfuhom milli jkomplu jghabbu minhabba li l-management ta' Exalco rawhom jghabbu fil-lift. Ix-xoghol dahal inkaxxat u kif hargu x-xoghol ghamlu hsarat. Huwa ra wkoll li kien hemm xi madum fl-entratura li garrab hsarat dan jidher li seta gie maghmul kif nizlu il-pallet mal-art. Kien ghad baqa' xi xoghol u gara li kellhom juzaw krejn halli jtellghu dan ix-xoghol. Huma bhala Malta Stock Exchange ma hassewx li kienu responsabbli minhabba li huma kienu qabdu lil M.A. & A u huma qabdu l-burdnara.

**Kevin Portelli** qal li huwa impjegat mas-socjeta M.A. & A Services Limited bhala Sales and Marketing Manager. Huma kienu qabdu kuntrattur sabiex jaghmel handling tax-xoghol u jpoggi l-apparat fuq is-sit. Huma uzaw il-kumpanija Kaless Ltd fejn kien fthiem maghhom fuq dan ix-xoghol. Huwa kien gie mgharraf b'dak li garam inn xi had tal-ufficcju tieghu u anki urewh xi ritratti tal-hsarat. Huwa kien ra r-rapport tal-Inginier. Huma kien tqabdu minn naha tal-Malta Stock Exchange sabiex jinstallaw arja kondizzjonata ghal computer room. Illi skont hu hadd ma kien infurmah li kien hemm xi hsara fil-lift. Illi kien kollox qeghdin jiehdu hsieb il-kumpanija tal-assigurazjzoni taghhom dwar il-hsarat. jikkonferma li s-Sur Bonnici kien talbu jagħmel ir-rapport u li kien mar jagħmel l-ispezzjoni u hu ma rax kif itella dan l-apparat.

Meta rega xehed esebixxa manufacturer manual u gie mmarkata bhala dok KP1.

**Charles Cini** xehed fejn stqarr li huwa kien gie mqabbad sabiex jiehu unit u jtellghu l-Mosta. Dan il-unit kellu jitla f'wiehed mis-sulari u minhabba li huwa xoghol fraggli kienu qalulu sabiex juza l-lift. Tant hu hekk li certu Kevin li jahdem mas-socjeta konvenuta kien ha l-qisien tal-lift u x-xoghol kien joqghod ezatt u jghaddi mill-lift. Kull ma kien jiftakar li waqqghu t-telefon li kien hemm fil-lift u xejn aktar. Rigward l-irhama li kien hemm fil-genb tal-lift ma kienx jaf kif inkisret mir-rokna. Rigward il-piz tax-xoghol li kienu se jtellghu kien ta' madwar 290 u 300 Kg. Ix-xoghol wasluh u l-unika diffikulta li kien hemm biex jinhareg ix-xoghol ghax kien jghaddi ezatt. Huwa kkonferma li kien gir mqabbad minn M.A, & A sabiex itellghu dan ix-xoghol ghax huwa jahdem bhala burdnar. Kompla jghid li hu qghad fuq il-kelma ta' Kevin dwar il-piz u li jista' jghaddi minn gewwa l-lift. Huwa kkonferma li kif dahhlu ix-xoghol fil-lift inqasmet l-irhama u t-telefon inqala minn post. Illi fil-fatt xi hadd mill-Malta Stock Exchange kienu qalulu biex itella x-xoghol bil-

crane u mhux ghax il-lift ma kienx qieghed jahdem. Tant hu hekk li skont hu uzah kemm il-darba l-lift biex jitla u jinzel bih. Kien fil-fatt Kevin li qallu biex juza l-lift.

**Kevin Portelli** xehed u qal li skont hu l-lift kien jiflah 640 Kg u x-xoghol li kellhom kien jizen in-nofs ta' dak li jiflah il-lift. Kompla jghid li qatt ma kien inghata l-annual certification tal-lift izda huwa qatt ma kien talabha.

**Ikkunsidrat:**

**Fatti tal-Każ**

Illi s-soċjetà attriċi kif surrogata kellha tħallas ammont ta' flus fl-ammont ta' 7824.71 Euro lil klijenti tagħha minħabba ħsarat li kellhom meta kien qiegħed jitghabba xoghol fil-lift sabiex jitpogga f'sular iehor. Illi kagun tal-hsarat kemm fil-lift kien hemm ukoll hsara fuq l-irham kemm tal-entratura kif ukoll fejn il-lift. Illi hareg li mis-sidien tal-kumpanija Exalco, kienu huma li waqqfuhom milli jkompli jdahhlu fil-lift u indunaw bid-diversi hsarat li kien hemm. Illi l-istess socjeta' assiguratrici qabdet inginier sabiex jaghmel rapport fuq il-hsarat li kellu l-lift. Illi fil-fatt mir-rapport hareg li kien hemm hsarat konsiderevoli sabiex jissewwa. Illi s-socjeta' konvenuta cahdet li hija kellha x'taqsam fuq dan il-hsarat. Illi hareg kemm mill-istess xhieda li s-socjeta' konvenuta kienet qabdet burdnar sabiex itella dan ix-xoghol. Illi mhux talli hekk illi skont il-burdnar kien l-istess Kevin li jahdem mas-socjeta' konvenuta li ordnalu sabiex juza l-lift ghaliex skont hu kien jiflah xoghol id-doppju ta' dak li riedu jtellghu. Illi minn naha tas-socjeta' assigurattrici kienet responsabbli ghal dak li gara is-socjeta' konvenuta.

**Ikkunsidrat**

Illi s-soċjetà' attriċi qiegħda titlob il-ħlas li hija għamlet lill-assigurati tagħha u ta' dan qiegħda titlob dan il-ħlas lura minn għand is-socjeta' konvenuta. Illi din il-Qorti tagħmel referenza għal dak li jgħid l-Artikolu 559 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn il-partijiet għandhom iressqu l-aħjar prova. Illi għalhekk huwa mistenni li kull parti tressaq dik il-prova neċessarja sabiex il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi fuq il-każ u fin-nuqqas ta' impossibilita' li jkun hemm dik il-prova, il-Qorti tista' tħares lejn provi sekondarji. Illi għalhekk huwa neċessarju li tinġieb l-aħjar prova sabiex jiġu stabbiliti l-fatti. Illi l-Qorti tagħmel referenza għal każ deċiż fl-ismijiet **Martina Farrugia et. v. Carmel Farrugia** (Rik. 27/14/1, 26/05/2017), fejn il-Qorti qalet hekk:

*"illi l-Ewwel Qorti injorat kompletament in-norma legali li għandha tinġieb l-aħjar prova, in kwantu kellu jirriżultalha li l-atturi naqsu milli jressqu l-aħjar prova illi huma kienu verament qeghdin jattendu kors universitarju full time."* Skond l-intimat, *"l-atturi setgħu ressqu rappreżentant tal-Università ta' Malta sabiex jikkonferma li l-aħwa Farrugia kienu għadhom isegwu kors universitarju qabel ma għalqu t-tlieta u għoxrin sena... Kienu l-atturi li kellhom l-oneru tal-prova tal-fatt sostnut minnhom, u huma ma tellgħu ebda prova oħra sabiex jikkoroboraw id-dokumenti preżentati minnhom."* Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) ċaħdet dan l-aggravju u qalet hekk:

*"Il-Qorti tirrileva illi għalkemm ebda wieħed mid-dokumenti ma huwa ġuramentat, jibqa' l-fatt li hemm ix-xhieda mhux kontradetta tal-atturi aħwa Farrugia illi fiha bil-ġurament tagħhom jikkonfermaw illi huma baqgħu studenti full time wara li għalqu t-18-il sena u indikaw adirittura l-ammont li jippercepixxu fi stipendju ta' kull xahar. Id-dokumenti minnhom ipprezentati jikkonfortaw din ix-xhieda, u għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel Qorti kellha provi suffiċjenti sabiex fuq bażi ta' probabbilita` u verosimiljanza tasal għal konklużjoni li waslet għaliha u din il-Qorti ma tikkonsidrax li jezistu c-ċirkostanzi stabbiliti fil-gurisprudenza sabiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi magħmul mill- ewwel Qorti fir-rigward...Il-konklużjoni premessa ssib ukoll konfort fil-fatt li mill-atti jirrizulta li, minkejja diversi differimenti mogħtija lill-konvenut mill-ewwel Qorti sabiex dan iressaq il-provi tiegħu jew jikkontroezamina x-xhieda tal-atturi dan baqa' passiv u ma ressaq ebda prova diretta biex tikkontrasta l-provi tal-atturi, u dan minkejja li fl-udjenza tas-16 ta' April 2015 l-kawża kienet giet differita 'ghall-ahhar darba għal-provi tal-konvenut u jekk jibqa' ma isir xejn il-Qorti ser tgħaddi ghas-sentenza fuq il-provi li għandha.' Għaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat u qed jiġi miċħud"*

Illi wkoll fil-każ **Simone Eve Collette Sammut et. v. Adam Sammut et.** (Rik. 1047/2014/1, 17/03/2021) fejn l-appellanti ikkontestaw numru ta' dokumenti li kienu ġew esebieti:

*"l-prinċipju ewlieni li jirregola l-piż probatorju jibqa' dejjem li min jallega jrid jipprova, jiġifieri onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa obbligu ta' min iressaq kawża quddiem il-Qorti*

> *sabiex jesebixxi d-dokumenti kollha relevanti għall-każ tiegħu. Inoltre l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi li għandha tinġieb quddiem il-Qorti l-aħjar prova, obbligu tal-partijiet fil-kawża. ...*"

Illi f'dan il-każ is-soċjetà attrici preżentat diversi dokumenti fosthom rapport mahrug minn Inginier li gie mqabbad minnhom halli jistabilixxi l-hsarat li sehh fuq il-lift. Illi fil-fatt il-lift in kwistjoni huwa uzat ghal skopijiet ta' garr ta' persuni fil-livelli differenti tal-binja. Illi ghalhekk ma hux lift li jintuża ghl skop ta' garr ta' merkanzija hi x'inhi. Illi hareg ukoll li hadd ma kien ta' l-kunsens tieghu sabiex dan il-lift jintuza ghal dan l-iskopp. Tant hu hekk li l-istess sidien tal-business centre waqfuhom milli jkomplu jaghmlu dan kif ukoll l-istess Malta Stock Exchange ma kienux taw struzzjonijiet sabiex juzaw il-lift ghal dan l-iskopp. Illi pero mill-istess xhud li resqu l-konvenuti hareg bic-car li l-burdnar Charles Cini mexa fuq l-istruzzjonijiet tal-istess Kevin Portelli impjegat tas-socjeta' konvenuta. Kien hu li tahom il-qisien sabiex ikunu jistghu idahhlu x-xoghol fih. Illi ghalkemm inghad li skont il-piz li jiflah l-istess lift, ix-xoghol li tpogga kellu suppost nofs l-ammont li jiflah. Illi ghandu jinghad li ma tresqet l-ebda prova li fil-fatt kien il-piz li s-socjeta' konvenuta qeghda tallega li kien hemm fl-istess lift. Illi pero jibqa l-fatt li ma kienx hemm permess minn ghand hadd li jintuza ghal garr ta' merkanzija gewwa fih meta huwa stabbiliet li ghandu uzu biss ghal skopijiet li jgorr biss persuni. Illi din il-Qorti ma tarax ghala ghandha tinjora dak li qal fir-rapport tieghu l-istess Inginier u dan ghal fatt li ma gie kkontestat minn hadd dwar dak li huma ra u kiteb fir-rapport tieghu.

Ikkunsidrat

Illi bla dubju ta' xejn is-socjeta konvenuta f'dan il-każ kellha responsabiltà tal-ħsarat li kien seħħ. Illi fl-istess xhieda anki tal-istess burdnar huma agixxew bl-istruzzjonijiet mghotija minn Kevin Portelli impjegat tas-socjeta' konvenuta. Illi mill-provi hareg li kienu dawn il-kuntratturi biss li uzaw il-lift ghal garr tal-oggetti in kwistjoni fil-lift u ghalhekk ma tarax din il-Qorti kif tista' teskludi li seta' kien hemm haddiehor. Illi lanqas hija skuzabbli li jinghad minhabba li ma kienux inghataw ċertifikat tal-lift ghaliex anki hawn irrizulta li lanqas biss kienu talbuh u n-ness tieghu mal-hsara li garrab il-lift lanqas ma huwa car minn dak li riedu jghidu l-istess socjeta' konvenuta.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi kif surrogata u tiċħad it-talbiet tas-soċjeta' konvenuta u tikkundanna lill-istess socjeta konvenuta' tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' sebat elef u tmien mija u erba' u ghoxrin ewro u wiehed u sebghin centesmu (€7,824.71) flimkien mal-imgħax legali skont il-Liġi li jibda jiddekorri mid-data tal-lum sal-ġurnata tal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri huma a karigu tas-socjeta konvenuta.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Deputat Registratur**